**9 ta' Marzu, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Antoinette Hughes pr. et. ne.

*versus*

Avukat Dr. Joseph Borg et. ne.

**Paternità Naturali — Filjazzjoni Illegittima — Att tat-Twelid — Pussess ta' Stat — Alimenti — Art. 108 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtieh l-att tat-twelid, ta' iben leġittimu, flimkien mal-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att; u l-pussess ta' stat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fattijiet li meħudin flimkien jiswew b'ex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*

*Dan ifisser illi, jekk ma tirrikorrix il-konformità bejn l-att tat-twelid u l-pussess tal-istat, billi ma jirriżultax li t-tifel hu konoxxut fil-familja u f's-soċjetà bħala iben leġittimu, u li huwa trattat bħala tali, dak l-istat jista' jiġi kontestat, avvolja mit-tifel stess li fl-att tat-twelid tiegħu jidher bħala iben leġittimu; u għal hekk huwa wkoll jista' j'tlob li jiġi dikjarat iben illeġittimu.*

*Trattandosi ta' filjazzjoni illeġittima dikjarata b'sentenza, il-missier hu obligat biss li jagħti lit-tifel dak li hu biżżejjed għall-ikel, għall-ilbies u għall-abitazzjoni tiegħu, skond ma tkun il-kondizzjoni tal-omm.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi l-imsemmija Jennifer Hughes twieldet mill-instanti Antoinette Hughes fl-4 ta' Settembru 1954 (dok. A) in konsegwenza ta' relazzjonijiet karnali bejn l-instanti u l-konvenut Barnes; u illi l-konvenut Hughes kien ilu assenti mill-Gżira mit-28 ta' Novembru 1952 sa ftit ġranet qabel it-twelid tat-tarbija, u għalhekk qatt ma seta' jiltaqa' mal-istess martu fit-terminu ndikat fl-art. 90 tal-Kodiċi Ċivili, u kien hemm għalhekk l-impossibbiltà fiżika ta' koabitazzjoni bejniethom; u illi l-instanti erogat spejjeż dwar it-twelid tal-imsemmija tarbija u l-kura tagħha, liema

spejjeż jiġu pruvati fit-trattazzjoni tal-kawża; u illi l-konvenut Barnes dejjem aċċetta li l-imsemmija Jennifer Hughes hija bintu, u dejjem kienet magħrufa bħala tali; u illi, non ostante li huwa pprometta ħafna drabi li jaħseb għall-alimenti tat-tarbija u jipprovdi għaliha, fil-fatt naqas milli jagħtiha alimenti sufficjentement u regolarment; talbet li din il-Qorti (1) tiddeċidi u tiddikjara li l-imsemmija Jennifer Hughes hija bint naturali tal-konvenut Ronald Barnes; (2) u konsegwentement tikkundannah iħallas lill-instanti nomine retta alimentarja ġusta li din il-Qorti tistabbilixxi, u dan bil-modalitajiet li jiġu anki stabbiliti minn dil-Qorti, u lill-instanti f'isimha l-spejjeż li hija erogat in konnessjoni mat-twelid tal-imsemmija tarbija u *kura tagħha, u dan anki, jekk hemm bżonn, in linea ta'* danni, liema spejjeż jiġu likwidati minn dil-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-attriċi proprio et nomine, preżentata fid-9 ta' Mejju 1958, li biha rrinunzjat għal dik il-parti tat-tieni domanda li tirriferixxi għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mat-twelid tat-tarbija u għall-likwidazzjoni relattiva;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta (1) li l-konvenut Harold Hughes. ir-raġel tal-attriċi, siefer minn Malta fit-28 ta' Novembru 1952 u ma rritornax qabel Awissu 1954 (fol. 60); (2) li hu sab lill-attriċi inċinta bit-tarbija in kwistjoni, li twieldet fl-4 ta' Settembru ta' dik is-sena. Minn dan jidher li dik it-tarbija ma setgħetx kienet tiegħu;

Illi huwa veru li fl-att tat-twelid dik it-tarbija tinsab indikata bħala bint l-attriċi u Harold Hughes, żewġha; veru wkoll li, skond l-art. 94 tal-Kodiċi Ċivili, "ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid ta' iben leġittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att; u

għalhekk jeħtieġ jiġi eżaminat jekk fil-każ tagħna din il-konformità teżistix jew le;

Illi skond l-art. 93 tal-Kodiċi ċitat, "il pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fattijiet li meħudin flimkien jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu"; u l-liġi mbgħad tgħaddi biex tenumera l-fatti prinċipali kostitwenti dan il-pussess, li komunement jiġu raggruppati fi tlieta:— "Nomen, tractatus, et fama";

Illi, fil-każ taħt eżami, għalkemm it-tifla Jennifer iġġib il-kunjom "Hughes", kif jidher mill-att stess taċ-ċitazzjoni, ma jidherx li ġew pruvati biżżejjed iż-żewġ elementi l-oħra fuq imsemmija. Difatti, ma jirriżultax li fil-familja jew fis-soċjetà hija kienet konoxxuta bħala bint Harold Hughes; u dan Hughes, għad li fuq l-ispjegazzjonijiet tal-attriċi ma tahiex tort fuq li ġralha (fol. 67), qatt ma ħa kura li jara t-tarbija, u lanqas ried li l-attriċi ttellagħha l-Ingilterra f'daru (fol. 73 u 78);

Illi għalhekk, fin-nuqqas ta' konformità bejn l-att tat-twelid u l-pussess tal-istat tal-imsemmija Jennifer, dak l-istat jista' jiġi kontestat avvolja minnha stess, għad li tidher bint leġittima ta' Harold Hughes (Kollez. XXXVI-I-1);

Illi kwantu għall-ewwel domanda, din ġiet sostnuta bil-provi; difatti......;

Illi, konsegwentement, anki t-tieni domanda, għal dak li jirrigwarda l-ħlas tal-alimenti, hija wkoll fondata (art. 108 Kod. Ċiv.); del resto, kien l-istess konvenut Barnes li wera ruħu pront iħallas għall-manteniment tat-tarbija £3 fil-ġimgħa (fol. 23A.); u dan ikompli juri li huwa għandu l-mezzi rikjesti mill-liġi;

Illi però, skond l-art. 108 fuq ċitat, trattandosi ta' filjazzjoni illeġittima dikjarata b'sentenza, il-missier hu obligat biss li jagħti lit-tifel dak li hu biżżejjed għall-ikel, għall-ilbies u għall-abitazzjoni, skond ma tkun il-kondizzjoni tal-omm; u l-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni dawn iċ-

ċirkustanzi kollha, mhux eskluż l-istat ta' debbulizza tal-minuri Jennifer (fol. 68), hija tal-fehma li tkun pensjoni adegwata s-somma ta' żewġ xelini (2s.) kulljum;

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni ta' dik il-parti mit-tieni talba riferibbli għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mat-twelid tal-imsemmija tarbija u għall-likwidazzjoni relattiva, billi, kif fuq ingħad, din il-parti ġiet rinunzjata;

Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi nomine, billi tiddikjara li l-imsemmija Jennifer hija bint naturali tal-konvenut Ronald W. Barnes;

U tilqa' l-kumplament tat-tieni talba billi tikkundanna lill-istess Ronald W. Barnes iħallas lill-attriċi pensjoni alimentarja ta' 2s. kulljum għall-minuri Jennifer, bintu, u dan kull ġimgħa bil-quddiem, fir-residenza tal-kreditriċi mil-lum;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut Barnes.